**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Manwel Gauci**

Kaz Numru: 357/2016

Illum 25 ta' Ottubru 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Manwel Gauci**, ta' disgha u sebghin (79) sena, iben Carmel u Mary Rose nee' Azzopardi, imwieled Sannat, Ghawdex fl-1 ta' Mejju 1937, residenti fil-fond 'Razzett', Triq Dun Luqa, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 30837(G), akkuzat talli nhar is-6 ta' Gunju 2014, ghall-habta ta' 2:30p.m. waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Toyota Cami, bin-numru tar-registrazzjoni HBD574, fi Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. B'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Grech skont kif iccertifika Dr. M. Refalo M.D. mill-Ipstar Generali ta' Ghawdex;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi involontarjament ikkaguna hsara fuq mutur tal-ghamla Harley Davidson u dan ai dannu ta' Joseph Grech u/jew persuni ohra;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Toyota Cami, bin-numru tar-registrazzjoni HBD574, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat f'kaz ta' htija jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq;

Il-Qorti giet ukoll mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief ssibu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat l-Artikoli indikati tal-Ligi, tikkundannah multa ta' elf ewro (€1000) u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal tmint (8) ijiem li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada (00:01a.m.).

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**